

**Brussell, 1 ta' Ġunju 2021
(OR. en)**

9144/21

**SOC 355
ECOFIN 508**

NOTA

minn:	Il-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Konklużjonijiet ewlenin dwar ir-Rapport tal-2021 dwar il-Kura fit-Tul tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali u l-Kummissjoni - Approvazzjoni

Id-delegazzjonijiet isibu meħmużin il-konklużjonijiet ewlenin tar-rapport li qed issir referenza għalih kif adottat mill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali fit-18 ta' Mejju 2021, bil-ħsieb tal-approvazzjoni tagħhom mill-Kunsill (EPSCO) fl-14 ta' Ġunju 2021.

Ir-Rapport sħiħ, imħejji b'mod konġunt mill-Kummissjoni Ewropea (DG EMPL) u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, jinsab fid-dokument 9144/21 ADD 1 u ADD 2.

KONKLUŻJONIJIET EWLENIN

Il-prinċipju 18 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali¹ jenfasizza li kulħadd għandu d-dritt għal servizzi ta' kura fit-tul affordabbli li jkunu ta' kwalità tajba, b'mod partikolari s-servizzi ta' kura fid-djar u dawk ibbażati fil-komunità. Il-pjan ta' azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali² jimpinja lill-UE-27 biex ikompli l-ħidma fuq dan.

Ir-Rapport tal-2021 dwar il-Kura fit-Tul imħejji b'mod konġunt mill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali u l-Kummissjoni Ewropea janalizza l-isfidi komuni li jiffaċċaw l-Istati Membri fil-kura fit-tul. Filwaqt li jirrikonoxxi d-diversità tas-sistemi tal-kura fit-tul u r-rabtiet mill-qrib tagħhom mal-politiki tal-protezzjoni soċjali, tal-impjiegi u tas-saħħa, kif ukoll il-lakuni persistenti fid-data, ir-rapport jenfasizza l-punti ewlenin li ġejjin.

Id-domanda għal kura fit-tul ta' kwalità għolja mistennija tiżdied, u t-tisħiħ tal-forniment tagħha jista' jikkontribwixxi għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-ekwità soċjali.

1. **It-tixjiħ tal-popolazzjoni mistenni jwassal għal żieda qawwija fid-domanda għall-kura fit-tul.** Fid-dawl ta' żieda notevoli fl-istennija tal-għomor, l-għadd ta' persuni li għandhom 65 sena jew aktar huwa pproġettat li jiżdied b'41 %, għal 130.1 miljun, matul it-30 sena li ġejjin. Il-prevalenza tad-diżabilità u l-ħtieġa għal kura fit-tul it-tnejn jiżdiedu mal-età. Għalhekk, l-għadd ta' persuni potenzjalment fil-bżonn ta' kura fit-tul fl-UE-27 mistenni jiżdied minn 30.8 miljun fl-2019 għal 33.7 miljun fl-2030 u 38.1 miljun fl-2050.

¹ Il-Kummissjoni Ewropea, ir-*Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' April 2017* dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, C(2017) 2600 final, 2017.

<https://ec.europa.eu/social/BlobServlet?docId=17625&langId=en>

² Il-Kummissjoni Ewropea, *Questions and answers: the European Pillar of Social Rights action plan*, (Mistoqsijiet u tweġibiet: il-pjan ta' azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali), 4 ta' Marzu 2021.

https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/en/qanda_21_821

2. **Il-COVID-19 affettwat b'mod qawwi s-sistemi tal-kura fit-tul, filwaqt li kkonfermat l-urġenza li dawn jissaħħu.** Id-dgħufijiet sistemiċi ġew enfasizzati minn rati għolja ta' mortalità fil-faċilitajiet tal-kura fit-tul, diffikultajiet fl-iżgurar tal-kontinwità tal-kura, u l-impatt fuq il-benessri tal-persuni akbar fl-età u tal-persuni li jindukraw. Għalkemm għadu kmieni wisq biex jiġi vvalutat l-effett tal-kriżi tal-COVID-19, huwa importanti li jinsiltu tagħlimiet biex is-sistemi jittejbu fuq bażi strutturali u jsiru aktar reżiljenti.
3. **Il-kura fit-tul għandha dimensjoni tal-ġeneru qawwija.** Kważi 90 % tal-ħaddiema fis-settur huma nisa, u l-istess huma l-biċċa l-kbira tal-persuni li jindukraw b'mod informali. Barra minn hekk, 33 % tan-nisa kollha li għandhom 65 sena jew aktar jeħtieġu kura fit-tul meta mqabbla ma' 19 % biss tal-irġiel akbar fl-età. In-nisa akbar fl-età għandhom dħul aktar baxx, inkluż il-pensjonijiet, u għalhekk huma potenzjalment inqas kapaċi li jħallsu għall-kura. Servizzi ta' kura fit-tul formali adegwati u affordabbli, flimkien ma' politiki li jtejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol fis-settur u jirrikonċiljaw l-impjieg bi ħlas u r-responsabbiltajiet ta' indukrar, jistgħu għalhekk jgħinu fl-appoġġ tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri.
4. **L-iżgurar ta' protezzjoni soċjali adegwata għall-kura fit-tul jikkontribwixxi għall-ekwiwità soċjali.** Persuni akbar fl-età b'livelli aktar baxxi ta' dħul huma aktar suxxettibbli li jkollhom ħtiġijiet ta' kura fit-tul, filwaqt li huma potenzjalment inqas kapaċi li jħallsu għalihom. Għalhekk, protezzjoni soċjali adegwata għandha rwol importanti biex jiġi żgurat li l-ħtiġijiet tal-kura fit-tul jistgħu jiġu ssodisfati.

L-aċċess, l-affordabbiltà u l-kwalità huma sfidi ewlenin fir-rigward tal-kura fit-tul.

5. **Jista' jkun li ħafna nies li jeħtieġu l-kura ma jkunux jistgħu jaċċessawha.** Id-data dwar l-użu tas-servizzi tal-kura fid-djar u l-għadd ta' sodod fil-kura residenzjali tista' titfa' ftit dawl fuq dan. Bħala medja fl-UE-27, terz biss tal-persuni ta' 65 sena jew aktar li jiffaċċaw diffikultà serja fir-rigward tal-kura personali jew attivitajiet domestiċi użaw servizzi ta' kura fid-djar fl-2014. Dan jista' jindika li l-persuni li jeħtieġu kura fit-tul jiddependu fuq il-kura informali – sew jekk b'għażla tagħhom jew minħabba n-nuqqas ta' servizzi formali jew għal raġunijiet finanzjarji – jew għandhom ħtiġijiet ta' kura li mhumiex issodisfati. Barra minn hekk, f'dak li għandu x'jaqsam mal-kura residenzjali, l-għadd ta' sodod ta' kura residenzjali fit-tul ivarja ħafna bejn l-Istati Membri.

6. **L-iżgurar tal-affordabbiltà tal-kura fit-tul huwa sfida.** Madwar l-UE, aktar minn terz tal-unitajiet domestiċi li jeħtieġu kura fit-tul, iżda li ma jużawx (aktar) servizzi professjonali ta' kura fid-djar, jirrapportaw raġunijiet finanzjarji għal dan. Is-sehem huwa saħansitra oġhla minn 50 % f'ħames Stati Membri. Bħala medja, fi 19-il Stat Membru u reġjun, madwar 75 % tal-persuni akbar fl-età bi ħtiġijiet ta' kura fit-tul huma stmati li jaraw id-dħul li jifdal tagħhom jitnaqqas għal inqas mil-livell limitu ta' "riskju ta' faqar" jekk jixtru servizzi ta' kura fid-dar bil-kost sħiħ, mingħajr protezzjoni soċjali.
7. **Il-kopertura tal-protezzjoni soċjali għall-kura fit-tul hija mħallta u ġeneralment limitata.** F'xi Stati Membri, l-appoġġ pubbliku huwa disponibbli biss għal ftit aktar minn wieheh minn kull għaxra tal-persuni kollha ta' 65 sena jew aktar fil-bżonn – filwaqt li f'oħrajn, kważi dawk kollha f'dan il-grupp jirċievu kura fid-dar, kura residenzjali jew benefiċċji fi flus ipprovduti mill-Istat. Anke meta tkun disponibbli, il-protezzjoni soċjali għal ħtiġijiet ta' kura fit-tul (għall-kuntrarju tal-kura tas-saħħa) spiss ma tkunx biżżejjed; anke wara li jirċievu l-appoġġ, medja ta' kważi nofs il-persuni akbar fl-età bi ħtiġijiet ta' kura fit-tul ikunu taħt il-livell limitu ta' faqar wara li jkunu ħallsu minn buthom għall-kostijiet tal-kura fid-dar.
8. **Jeħtieġ fehim komuni tal-kwalità fil-kura fit-tul.** Fost approċċi differenti, jidher li qed jiġbed l-attenzjoni l-mudell iċċentrat fuq il-persuna, ibbażat fuq il-ħtiġijiet u l-preferenzi tal-persuna li teħtieġ il-kura. Jintużaw ukoll approċċi differenti għall-kejl tal-kwalità, b'firxa wiesgħa ta' indikaturi, li jiffukaw fuq strutturi u proċessi jew relatati mal-esperjenza personali ta' dawk li jirċievu l-kura. Il-kwalità tal-kura hija affettwata wkoll minn fatturi li jinkludu l-forza tax-xoġhol, l-organizzazzjoni (pereżempju l-integrazzjoni ta' servizzi li jindirizzaw ħtiġijiet kumplessi), it-teknoloġija u l-finanzjament. L-isforzi biex tiġi żgurata l-kwalità huma mħallta u jiffokaw prinċipalment fuq il-kura residenzjali, u għalhekk jeħtieġ li tingħata aktar attenzjoni wkoll lill-kura fid-djar u dik ibbażata fil-komunità.

Forza tax-xogħol adegwata hija kruċjali biex tintlaħaq id-domanda dejjem tikber għal servizzi ta' kwalità għolja, iżda n-nuqqas attwali ta' ħaddiema jista' jintensifika aktar.

9. **L-issodisfar tad-domanda dejjem tikber għall-kura fit-tul jista' jappoġġa t-tkabbir fl-impjiegi, iżda l-Istati Membri jsibuha diffiċli biex jattiraw u jżommu l-ħaddiema fis-settur tal-kura.** Is-settur diġà jimpjega 6.4 miljun persuna, u huwa stmat li sal-2030 ser jinħolqu sa 7 miljun opportunità ta' impjieg għall-professjonisti assoċjati tal-kura tas-saħħa u għall-ħaddiema tal-kura personali. Fl-istess waqt, id-daqs tas-settur ivarja ħafna madwar l-UE. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jirrapportaw ħafna postijiet vakanti fis-settur tal-kura fit-tul u jistennew nuqqas ta' persunal; dan jista' jaggrava hekk kif il-forza tax-xogħol fis-servizzi tal-kura tixjieħ, fl-istess ħin li tiżdied id-domanda għall-kura.
10. **Kundizzjonijiet tax-xogħol diffiċli u salarji baxxi jistgħu jikkontribwixxu għal nuqqas ta' persunal.** Ix-xogħol ta' kura fit-tul huwa diffiċli minħabba l-prevalenza ta' arranġamenti tax-xogħol mhux standard, ħinijiet tax-xogħol irregolari, xogħol bix-xift, u strapazz fiżiku/soċjali. Il-dħul medju fis-settur huwa aktar baxx minn dak f'setturi oħra fl-Istati Membri kollha. Is-settur tal-kura tas-saħħa jidher ukoll li jħallas aktar (għalkemm dan huwa parzjalment spjegat mill-kompożizzjoni tal-forza tax-xogħol). Kopertura baxxa minn ftehimiet kollettivi u nefqa pubblika limitata fuq il-kura fit-tul jistgħu jikkontribwixxu wkoll għal pagi aktar baxxi fis-settur.
11. **Rekwiżiti tal-ħiliet dejjem aktar kumplessi jagħmluha aktar diffiċli li jinstab il-persunal, iżda jistgħu wkoll jagħmlu l-professjoni aktar attraenti.** Il-kura teħtieġ kollaborazzjoni mill-qrib bejn diversi professjonisti, u spiss tinkludi l-użu ta' teknoloġiji ġodda jew il-ħtieġa li jiġu indirizzati ħtiġijiet ta' kura kumplessi. Dan jeħtieġ ħiliet diġitali u trasversali. Ir-rekwiżiti tal-kwalifiki jistgħu jgħinu biex jiżguraw il-kwalità tal-forza tax-xogħol u jagħmlu s-settur aktar attraenti, iżda jistgħu jaġixxu wkoll bħala ostakli għall-aċċess għall-professjoni.

12. **Huma meħtieġa sforzi mmirati u sistemiċi biex tiġi żgurata forza tax-xogħol tal-kura fit-tul adegwata.** L-għażliet ta' politika jinkludu: it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-pagi, inkluż permezz ta' djalogu soċjali rinfurzat; l-inkoraġġiment tar-reklutaġġ ta' forza tax-xogħol aktar diversa; it-titjib tal-organizzazzjoni tax-xogħol; it-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet, speċjalment fir-rigward tal-ħiliet diġitali u dawk trasversali; u l-iżgurar ta' kundizzjonijiet aħjar ta' saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol.

Il-kura informali kienet essenzjali fl-għoti tal-kura fit-tul, iżda din ta' spiss iġġib magħha spejjeż ittraskurati

13. **Il-persuni li jindukraw b'mod informali, l-aktar in-nisa, iwettqu l-bieċa l-kbira tal-għoti ta' kura f'ħafna Stati Membri.** L-użu ta' kura purament informali jvarja minn madwar 30 % għal madwar 85 % fl-Istati Membri. Madankollu, filwaqt li l-kura informali xi drabi hija kwistjoni ta' preferenza, spiss tista' tkun l-unika għażla minħabba nuqqas ta' kura formali aċċessibbli u affordabbli. Id-disponibbiltà tal-kura informali x'aktarx li tonqos minħabba żieda tal-parteciġazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol; ħajja tax-xogħol estiża; mobilità ġeografika akbar; u xejriet demografiċi oħra.
14. **Il-kura informali ta' spiss iġġib magħha spejjeż sinifikanti għall-persuni li jindukraw, kemm fuq perijodu qasir kif ukoll fit-tul.** Anke meta tkun għażla personali, l-għoti tal-kura jista' jaffettwa b'mod negattiv is-saħħa fiżika u mentali u l-benessri tal-persuni li jindukraw. Sfida oħra għal dawk li jindukraw b'mod informali hija d-diffikultà li jirrikonċiljaw il-kura max-xogħol bi ħlas. L-impjegat fost in-nisa li jindukraw ta' età bejn il-45 u l-64 sena, grupp ewlieni ta' dawk li jagħtu l-kura, huwa ferm inqas mill-medja. Il-persuni li jindukraw impjegati ta' spiss jaħdmu part-time. Dan għandu effett immedjat fuq l-introjtu kurrenti tagħhom, u jista' jaffettwa l-introjtu tal-anzjani tagħhom minħabba akkumulazzjoni mnaqqsa tad-drittijiet għall-pensjoni, li tista' tkun saħansitra aktar importanti għal persuni li jindukraw li jkollhom ukoll responsabbiltajiet ta' indukrar tat-tfal.

15. **Minbarra l-kontribut soċjetali tagħha, il-kura informali għandha valur ekonomiku, li mhux viżibbli immedjatament.** Il-valur ekonomiku tal-ħin imqatta' fuq kura informali huwa stmat li huwa 2.4-2.7 % tal-PDG tal-UE-27, li f'hafta mill-Istati Membri jaqbeż in-nefqa fuq il-kura formali. Min-naħa l-oħra, il-kura informali għib magħha kostijiet, inkluż telf ta' dħul mit-taxxa u s-sigurtà soċjali minħabba parteċipazzjoni aktar baxxa fis-suq tax-xogħol ta' dawk li jindukraw, u nefqa fuq benefiċċji għall-persuni li jindukraw. Stimi parzjali juru li dan il-kost pubbliku jista' jammonta għal mill-inqas 0.5 % tal-PDG, qrib terz tan-nefqa pubblika attwali fuq il-kura fit-tul.
16. **B'mod parallel mal-isforzi biex jissaħħu s-servizzi ta' kura formali, huwa importanti wkoll l-appoġġ għal persuni li jindukraw b'mod informali.** Il-miżuri ta' appoġġ rilevanti jinkludu l-benefiċċji tal-kura, il-kopertura tal-assigurazzjoni tas-saħħa, il-konsulenza u t-taħriġ, il-validazzjoni tal-ħiliet, u l-għoti ta' kura ta' serħan. Miżuri ta' appoġġ li jindirizzaw ukoll il-konsegwenzi fit-tul tal-għoti ta' kura informali, bħal krediti tal-pensjoni għal attivitajiet ta' kura, jista' jkollhom rwol importanti wkoll.

Ir-riformi tas-sistemi tal-kura fit-tul, u l-investiment relatat magħhom, jeħtieġ li jiġu segwiti aktar u jenħtieġ li jibnu fuq it-tagħlimiet meħuda mill-pandemija tal-COVID-19.

17. **In-nefqa fuq il-kura fit-tul hija proġettata li tkun wieħed mill-elementi tan-nefqa soċjali li qed jikber l-aktar malajr, u b'hekk teħtieġ mekkaniżmi ta' finanzjament sostenibbli.** Il-livell tan-nefqa fuq il-kura fit-tul hija differenzjata hafta fl-UE-27. Fi Stati Membri b'nefqa għolja fuq il-kura fit-tul meta mqabbla mal-PDG, il-kopertura tal-protezzjoni soċjali għall-kura fit-tul hija għolja wkoll; waqt li sehem aktar baxx mill-medja tar-residenti tal-Istati Membri b'nefqa pubblika attwali baxxa jużaw servizzi formali ta' kura fit-tul fid-djar. In-nefqa pubblika fuq il-kura fit-tul hija pproġettata li tiżdied, bħala medja, minn 1.7 % tal-PDG fl-2019 għal 2.5 % tal-PDG fl-2050 madwar l-UE, b'differenzi kbar bejn l-Istati Membri. F'xenarju li jassumi xi konverġenza 'l fuq fost l-Istati Membri, in-nefqa fl-UE-27 hija pproġettata li tirdoppja għal 3.4 % tal-PDG fl-2050.

18. **Iż-żieda fl-effiċjenza tan-nefqa fuq il-kura fit-tul tista' tikkontribwixxi għall-indirizzar tal-isfida tal-finanzjament.** Jistgħu jkollhom rwol ewlieni fl-għoti ta' kura ta' kwalità b'kost aktar baxx: l-użu effettiv ta' teknoloġiji ġodda; l-investment f'politiki dwar it-tixjiħ attiv u b'saħħtu; it-titjib tal-promozzjoni tas-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard.
19. **Matul l-aħħar tliet snin, diversi Stati Membri indirizzaw sfidi speċifiċi tas-sistemi tal-kura fit-tul minflok ma segwew bidliet sistemiċi.** Miżuri bħal dawn huma primarjament infasslin biex: itejbu s-sitwazzjoni tal-persuni li jindukraw b'mod informali; jiffaċilitaw l-aċċess, l-affordabbiltà, u l-kwalità fir-rigward tas-servizzi tal-kura bbażati d-dar u ta' dawk residenzjali; u jtejbu s-sitwazzjoni tal-forza tax-xogħol professjonali tal-kura fit-tul. Reċentement, ittiegħdu wkoll ħafna miżuri temporanji biex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni diffiċli ta' dawk li jirċievu u jipprovdu kura fit-tul fid-dawl tal-pandemija tal-COVID-19.

Fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet, il-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali jqis li jista' jkun hemm lok għal aktar ħidma fil-livell tal-UE u f'dak tal-Istati Membri biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-kura fit-tul. Jeħtieġ li jsiru aktar riformi mill-Istati Membri biex jindirizzaw id-dgħufijiet strutturali fis-sistemi tal-kura fit-tul u biex jagħmluhom aktar reżiljenti għal xokkijiet esterni futuri. Filwaqt li huma speċifiċi għall-kuntesti nazzjonali u reġjonali, tali riformi għandhom jindirizzaw l-oġettivi komuni li tiġi żgurata kura fit-tul ta' kwalità tajba, aċċessibbli u affordabbli għal kulħadd, imwettqa b'mod finanzjarjament sostenibbli. Fl-istess ħin, huwa essenzjali li nibnu fuq it-tagħlimiet mill-pandemija tal-COVID-19 biex jissaħħu l-kapaċità ta' rispons u r-reżiljenza tas-sistemi tal-kura fit-tul.

Għalkemm qed isir progress fl-iżvilupp ta' indikaturi komuni tal-UE dwar il-kura fit-tul, għad hemm lakuni importanti fid-data. Jeħtieġ li ttittejjeb id-disponibbiltà ta' data komparabbli dwar id-dimensjonijiet ewlenin kollha tal-kura fit-tul. Aktar ħidma mal-Eurostat u mal-Istati Membri tista' tgħin biex isir progress f'dan l-oġettiv, inkluż billi jiġu esplorati għażliet għall-ġbir tad-data dwar l-infiq fuq il-kura fit-tul.

Il-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali jappella għal aktar konsiderazzjoni dwar kif għandhom jitfasslu l-politiki u s-sistemi tal-kura fit-tul. Huwa jstieden ukoll lill-Kumitat tal-Politika Ekonomika biex jirrifletti b'mod konġunt dwar is-sejbiet tar-Rapport tal-2021 dwar il-Kura fit-Tul, ir-Rapport tal-2021 dwar l-Adegwatezza tal-Pensjonijiet, u r-Rapport tal-2021 dwar it-Tixjiħ.

Analiżi regolari tal-iżviluppi tal-kura fit-tul fil-livell tal-UE hija essenzjali għal tfassil tal-politika sod. Għaldaqstant, il-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali u l-Kummissjoni Ewropea biĥsiebhom iħejju t-tielet Rapport konġunt dwar il-Kura fit-Tul.